# DEĊIŻJONI KBIRA TAL-ĦAJJA

Minn
George Ebejer

# DEĊIŻJONI KBIRA TAL-ĦAJJA

Suġġett: Ħalli jġiegħel lin-nies jagħmlu għażla tajba.

**Introduzzjoni:**

1. Il-ħajja hija mimlija bid-deċiżjonijiet.
   a. Xi deċiżjonijiet huma relattivament mingħajr importanza u ma jfissru xejn.
   b. Xi deċiżjonijijet għandhom konsegwenzi li jilħqu fit-tul
2. Id-deċiżjoniji l-kbira tal-ħajja hija: **lil min jiena sejjer inservi?**
   a. Ġożwè ta lill-poplu għażla fi żmien ilu. Hu qalilhom, "*U jekk jidhrilkom li hu ħażin taq-du lill-Mulej, għażlu intom illum lil min tridu taqdu; l-allat li qdew missirijietkom in-naħa l-oħra tax-xmara, jew l-allat ta' l-Ammurin, li intom qegħdin f'arthom; iżda ngħid għalija u għal dari, aħna naqdu l-Mulej*" (Ġożwè 24: 15).
   b. David ġiegħel lil l-ibnu biex iservi li Alla bil-li qallu, "*U int, ibni Salamun, agħraf lil Alla ta' missierek, u aqdih b'qalb sħiħa, u b'ruħ b'rieda soda, għax il-Mulej jifli l-qlub kollha, u jifhem kull tiswir tal-ħsieb: jekk tfittxu, iħallik issibu; iżda jekk titilqu, jarmik għal dejjem*" (1 Kronaki 28:9).
   c. Ġesù qal illi n-nies għandhom jieħdu deċiż-joni dwar li min huma għandhom iservu. Hu qal, "*Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien; għax jew ikun jobgħod lil wieħed u jħobb lil l-*

*ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lil l-ieħor*" (Mattew 6:24).

3. Wieħed ma jistax iservi lil Alla u lil Satana.
   a. Kull attentat li tagħmel hekk jirriżulta f'ipokrisija.
   b. Wieħed għandu jiddeċiedi min għandu jikkontrolla l-ħajja tiegħu.

**Lezzjoni:**

I. Konfużjoni massima fil-ħajja hija evidenti.
   A. L-Iskrittura twissi: "*Oqogħdu għar-rieda ta' Alla… Ieqfu lix-xitan…*" (Ġakbu 4:7).
      1. Il-kelma finali ta' l-Evanġelju ta' Kristu ma tkun qatt kundanna, sakem l-individwu mse-mmi jagħmilha hekk. M'għandux x'jaqsam kemm diżubbidjenti u ribelluż bniedem sata' kien, il-Mulej jilqgħu fil-merħla tiegħu tas-salvazzjoni, jekk huwa biss idur lejn Alla, u jċedi lilu nnifsu għar-rieda divina (Luqa 15:11-24).
      2. Li tkun suġġett lejn Alla, iżda, jimplika li wieħed jieqaf lix-xitan.
   B. Il-bnedmin spiss iħalltu dawn ir-relazzjonijiet. Huma jirreżistu lil Alla u jċedu għax-xitan!
   C. Il-bniedem iċedi għax-xitan meta:
      1. Hu jagħti lok għat-tentazzjoni u l-ġibdiet ħżiena. (Ġakbu 1:13-15).

2. Meta qalbu tkun mimlija bil-kburija (Ġakbu 4:6, 7).
3. Meta hu jiżbalja mill-verità ta' Alla u ma jibqax membru fidil tal-knisja tal-Mulej (Ġakbu 5:19, 20).
4. Meta hu jkollu r-regħba u jkun diżonest (Ġakbu 5:1-4).
5. Meta hu jkollu qalbu mimlija għira ħarxa u ġlied (Ġakbu 3:14-16).
6. Meta hu jħares lejn l-uċuħ (Ġakbu 2:1-5).
7. Meta hu jikkundanna lil ħutu u li ma jaħsibha xejn u li jkun ta' mġieba ħażina (Ġakbu 4:11).

D. Il-bniedem jirreżisti lil Alla meta:
1. Hu jirrifjuta li jisma', jemmen, u jobdi l-Kelma ta' Alla (Ġakbu 1:18-22).
2. Meta hu jiċħad l-Iben ta' Alla (Lhud 1:1, 2; Ġwanni 12:48).
3. Meta l-fidi tiegħu tkun mejta (Ġakbu 2:14-26).
4. Meta hu jħalli lil Alla barra mill-pjanijiet tal-ħajja tiegħu. Ġakbu jgħidilna: "*Flok ma tgħidu: "Jekk il-Mulej irid, ngħixu u nagħmlu dan jew dak*" (Ġakbu 4:15).

II. Il-bnedmin għandhom jirreżistu lix-xitan. Ġakbu jgħid hekk dwar dan: "*Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfulu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom*" (Ġakbu 4:7).

A. Il-bnedmin għandhom jieqfu lix-xitan għaliex hu l-avversarju tal-bniedem. Pietru

jgħidilna: "*Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-xitan qisu ljun igħajjat, idur u jfittex 'il min sa jibla'. Ieqfulu,* ***sħaħ fil-fidi***" (2 Pietru 5:8; enfasi tiegħi).

B. Ix-xitan ifittex biex jinganna lill-bniedem. Pawlu jgħid, "*Jiena nibża' li, bħalma s-serp qarraq b'Eva bil-ħażen tiegħu, hekk fehmietkom jitħassru mis-semplicità u s-safa tagħhom fi Kristu*" (2 Korintin 11:3).

   F'**Efesin 6:11**, Pawlu jgħid, "*Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għattnassis tax-xitan.*" L-armatura ta' Alla naqraw dwarha f'versi 14-17. Innutaw "*It-tnassis tax-xitan.*"

C. Servizz lix-xitan ifisser pjaċir qasir issa iżda nfern għal dejjem. Fl-Ittra lil-Lhud insibu miktub: "*permezz tal-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun; u għażel li aħjar ikun imkasbar flimkien mal-poplu ta' Alla milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien*" (Lhud 11:24-25).

D. Il-bniedem jista' jieqaf lix-xitan (1 Pietru 5:8, 9).

   1. Alla wiegħed triq kif wieħed jista' jaħrab mit-tentazzjonijiet tax-xitan. L-appostlu Pawlu jgħid, "*S'issa ebda tiġrib ma laħaqkom li bniedem ma jiflaħx għalih; Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar*

*milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih*" (1 Korintin 10:13).

2. Il-bniedem jista' joqgħod qrib ta' Alla fi studju tal-Kelma Tiegħu, fit-talb Lilu, u f'ħajja fidila Lejh. Meta l-bniedem jagħmel dan huwa jsib saħħa biex jieqaf lix-xitan. Ġakbu jgħidilna, "*Ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom…*" (Ġakbu 4:8).

III. Il-bniedem għandu jersaq qrib lejn Alla (Ġakbu 4:8).

A. Għaliex Alla jħobb lill-bniedem u jixtieq l-aħjar għalih.

1. Il-bniedem hu n-nisel ta' Alla (Atti 17:28, 29).
2. Alla wera l-imħabba Tiegħu għall-bniedem. Pawlu jgħidilna: "*Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin*" (Rumani 5:8).

B. Dak kollu li Alla jrid mill-bniedem, u kull restrizzjoni li l-Mulej poġġa fuq il-bniedem huwa għall-ġid tiegħu stess issa u għal l-eternità. "*Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema, jinżel mingħand il-Missier, il-għajn tad-dawl, li fih ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta' tidwir*" (Ġakbu 1:17).

C. Alla bierek lill-bnedmin b'ħafna affarijiet tajba.

D. Alla jixtieq is-salvazzjoni ta' kulħadd. Pawlu jgħid hekk dwar dan: "*Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħarfu l-verità*" (1 Timotju 2:4; 2 Pietru 3:9).

E. Dak kollu li l-bniedem għandu jagħmel hu li "*Jibża' minn Alla u jżomm il-kmandamenti Tiegħu*" (Ekkleżjażti 12:13, 14).
   1. Bniedem mingħajr Alla hu l-istess bħall-vapur mingħajr tmun, jew bħall-rota mingħajr imgħażel.

## KONKLUŻJONI

1. L-għażla tal-bniedem fil-ħajja mhix: għandi nservi lil xi ħadd? L-għażla hi: *lil min għandi nservi, lil Alla jew lix-xitan?*
   a. Ma ninsewx it-tweġiba ta' Pietru u Ġwanni lill-kapijiet tal-poplu u xjuħ x'kienet wara li huma staqsewhom: "*Għidulna intom jekk hux sewwa quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla*" (Atti 4:19).
   b. Id-deċiżjoni ta' l-appostli kienet: "*Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).
2. Bniedem jista' jiddeċiedi li jservi lil Satana u jirċievi immedjatament "premjijiet": il-pjaċiri tad-dnub (Lhud 11:24, 25).
3. Il-bniedem jista' jservi lil Alla u jkun imbierek bil-paċi, skop fil-ħajja, tama fil-mewt, u ħajja eterna fis-smewwiet.

"*Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib jaqla' l-kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh*" (Ġakbu 1:12).

"*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda ta' l-Ispir-tu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Korintin 13:13-14).

Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew: www.churchofchristmalta.com